# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 843/15/2 MH**

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**v.**

1. **L-Avukat Dr. Patrick Valentino LL.D. u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil nominati permezz ta' digriet tat-28 ta' Marzu 2012 bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Michele Belfiore, u**

2. **Dottor Joseph Ellis LL.D. u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi nominati b'digriet tal-1 ta' Ottubru, 2015 bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Angela Galata**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. ippreżentat fis-7 ta' Settembru, 2015, li permezz tiegħu ngħad:

"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'tlett kuntratti, wiehed minnhom maghmul fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo` datat 14 ta' Novembru 2000 (Dok. "A") u tnejn ohra maghmula fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Vassallo-Agius datati 24 ta' Gunju 2003 (Dok. "B") u 4 ta' Settembru 2003 (Dok. "C"), kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Lulju 2003 (Dok. "D") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Michele Belfiore u Angela Galata;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Michele Belfiore u Angela Galata fis-somma ta' mija u erbgha u tmenin elf u seba' mitt Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€184,700.82) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Michele Belfiore u Angela Galata mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E6", Dok. "F1 sa F5" u Dok "G1 sa G6") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Mejju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura fuq imsemmija (u hawn eżibit bħala Dokumenti "A", "B", "C" u "D"); partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:

(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Novembru 2009 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "H", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B", "C", u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallasu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità talħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi,

2. Tikkundanna lill-Avukat Dr. Patrick Valentino LL.D. u P.L. Jean Pierre Busuttil, nominati permezz ta' digriet tat-28 ta' Marzu 2012 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Michele Belfiore u lill-kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Angela Galata jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u erbgha u tmenin elf u seba' mitt Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€184,700.82) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Michele Belfiore u Angela Galata mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E6", Dok. "F1 sa F5" u Dok "G1 sa G6") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Mejju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Novembru 2009 u tal-Mandat tta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ta' Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Jean Pierre Busuttil fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Michele Belfiore, ippreżentata minnhom fl-1 ta' Diċembru, 2015, li permezz tagħha eċċepew illi:

"..ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża pero kienu qed jirriservaw risposta ġuramentata ulterjuri u aktar xhieda eta u jekk jirnexilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-każ odjern".

3. Rat ir-risposta ta' Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Jolene Pace Ciscaldi, datata 3 ta' Diċembru, 2015, li permezz tagħha eċċepew illi:

"1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawża u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eċċezzjonijiet ulterjuri fl-eventwalita' illi jkun hemm il-htiega.

2. Illi bla precudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid taghti rendikont dettaljat tal-ammont realment dovut mill-konvenuti.

3. Illi bla precudizzju ghas-suespost, kwalunkwe ammont illi allegatament huwa dovut ai termini tad-dokument allegat mar-rikors promotur bhala Dok. "D" huwa preskritt ai termini tal-artiklu 2156 (e) u (f) tal-Kap.16.

4. Illi bla precudizzju ghas-seuspost, kwalinkwe imghax illi allegatament huwa dovut ai termini tad-dokumenti allegati mar-rikors promotur bhala huwa preskritt ai termini tal-artiklu 2156 (d) tal-Kap.16.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Jannar, 2018, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"1. Maghmula dawn il-konstatazzjonijiet taqta u tiddecidi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa u tilqa fl-intier taghhom it-talbiet tal-bank attur b'dan illi qeghda tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B", "C", u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallasu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi,

2. Tikkundanna lill-Avukat Dr. Patrick Valentino LL.D. u P.L. Jean Pierre Busuttil, nominati permezz ta' digriet tat-28 ta' Marzu 2012 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Michele Belfiore u lill-Avukat Dr.Joseph Ellis u lil P.L. Jolene Pace Ciscaldi kuraturi deputati nominati b'digriet ta' 1 ta' Ottubru, 2015, sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Angela Galata jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u erbgha u tmenin elf u seba' mitt Ewro u tnejn u tmenin centeżmu (€184,700.82) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Michele Belfiore u Angela Galata mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E6", Dok. "F1 sa F5" u Dok "G1 sa G6") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Mejju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;

l-ispejjeż tal-kawża a karigu ta' l-intimati ugwalment bejniethom".

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawża avanzata mill-bank attur biex jigbor sommom indikati fir-rikors guramentat li permezz ta' kuntratti ghadda tramite varji

facilitajiet bankarji lill-intimati u dan kif jidher mid-dokumenti esebiti ma' l-istess rikors guramentat minn Dok A sa Dok D.[1]

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi l-kuraturi deputati ghan-nom ta' Belfiore ressqu biss eccezzjoni wahda li ma kienux edotti mill-fatti. Minn naha l-ohra il-kuraturi deputati rappresentanti lil Galata avanzaw ukoll l-eccezzjonijiet preliminari ta' preskrizzjoni kwinkwenali.

Illi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet mressqa mill-kuraturi ta' Angela Galata, dawk mahsuba taht l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Dr. Joseph Ellis noe. iddikjara lli in kwantu ma kellux mezz kif seta jikkomunika ma' Angela Galata, fir-rigward tat-tielet u r-raba' eccezzjonijiet kien qieghed jistrieh fuq il-prova dokumentarja mressqa[2], allura dawk gia prodotti mar-rikors guramentat.

Da parti tieghu l-bank attur biex jirribatti l-istess eccezjonijiet ghazel li jtella jixhed lil George Cassar White[3] in rappresentanza ta' l-istess bank illi xehed l-preskrizzjoni kwinkwenali tkissret ghaliex il-bank kien presenta ittra ufficjali fis-sena 2009 li pero skontu giet notifikata fis-sena 2012. Ghamel referenza ghad-dokument H gia presentat mar-rikors guramentat.[4] Xehed ukoll li l-call in ghal hlas saret fit-22 ta' Mejju, 2009. Qal ukoll li kien sar attentat ghal hlas anke billi kien mahsub li jinbiegh post pero l-istess konvenju kien waqa. Pero dwar dan ma ngabet ebda prova dokumentarja jew giet pruvata xi data fir-rigward. Oltre hekk zid fix-xhieda tieghu lli ma kien sar ebda tip ta' pagament tas-somma dovuta.[5]

Dwar l-ittra ufficjali msemmija jirrizulta wkoll, u dan fuq intervent ta' Dr.Joseph Ellis, li l-istess Cassar White xehed illi Angela Galata kienet assenti minn Malta u allura qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficjali li ghalija kien qed jaghmel referenza x-xhud li allura skontu interrompiet t-terminu prekrittiv. Tant li l-istess avukat qua deputat kuratur ghamel referenza ghal hatra hekk tieghu li saret fl-1 ta' Ottubru, 2015, dejjem fl-atti ta' l-istess ittra ufficjali 4146/09[6]. Il-konklussjoni hawn hi li Galata giet allura notifikata bl-istess ittra ufficjali biss wara din l-ahhar data msemmija.

[1] Fol 5 sa fol 29.
[2] Fol 97 u fol 99.
[3] Fol 100.
[4] Fol 50 sa Fol 76.
[5] Rat ukoll l-affidavit ta' rappreentant tgal-bank Johana Bartolo a fol 89.
[6] Fol 73.

Illi kif jidher mid-dokumenti esebiti mar-rikors in ezami d-debiti gew kuntrattati fl-14 ta' Novembru, 2000, tnejn fl-24 ta' Gunju, 2003 u iehor fis-16 ta' Lulju, 2003. Il-preskrizzjoni nvokata hija dik kwinkwennali. Il-bank attur presenta wkoll l-*istatements* tal-bilanc dovut fuq kull facilita' minnu koncessa. Ma ngabet pero ebda prova ohra da parti tad-deputat kuraturi ghan nom ta' Galata li turi li l-perjodu msemmi ta' hames snin ma giex b'xi mod interott dejjem fil-konfront ta' Galata stante li kienet hi biss li tresqet din l-eccezzjoni. Jirrizulta ukoll minn ezami ta' l-i*statements* presentati mill-bank, illi l-debituri affettaw varji depositi fil-kontijiet relattivi li certament jammonta gal rikonoxximent tad-debitu nnifsu.

B'mossa ohra tal-bank li ghalija rregistra oggezzjoni Dr. Joseph Ellis fl-istess xhieda tieghu[7], il-kuraturi deputati rappresentanti lil Angela Galata gew mitluba jixhdu ai termini ta' l-artikolu 2160 tal-Kap 16, cioe gie differit lilhom hekk imsejjah gurament decisorju[8], fejn it-tnejn wiegbu illi ma kienux edotti mill-fatti allura ma setghux jwiegbu kienux debituri nominee tal-bank ai terminu ta' l-istess artikolu.

Ikkonsidrat

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-abbli avukat difensur tal-bank attur tratta zewg linji solevati biex jilqa ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, ssottometta d-dubju tieghu kemm kuratur deputat seta jressaq tali eccezzjoni meta ma kienx edott mill-fatti u dana meta huma stess issolevaw li ma setghux jixhdu fuq hekk u hekk xehdu. Zid li dan kien qed ighidu wkoll fid-dawl ta' l-emendi ricenti[9] li saru fl-istitut tal-gurament decisorju illi ma kienx aktar bizzejjed li debitur jitla jixhed li ma kienx debitur imma issa wkoll tassativament kien mehtieg minnu li jaghti ragunijiet ghala jqies lilu nnifsu li ma kienx debitur[10].

<u>Hija l-fehma ta' din il-Qorti lil partijiet ma ghamlux distinzzzjoni cara bejn il-gurament decisorju kif nafuh qabel l-emendi tas-sena 2017 u dak kif illum rifless fl-artikolu 2160 b'sahha ta' l-emmendi msemmija.</u>

Fid-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Casapinta Design Group Ltd vs Dr. Tonio Azzopardi noe. decizzjoni moghtija ferm qabel l-emmendi diskussi inghad - [11]

> *"Il-Qorti tislet riflessjoni fuq dan il-punt mill-kazijiet fejn kuratur bhal dan jeccepixxi l-preskrizzjoni. Jinsab pacifikament assodat, almenu sa mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civile, tas-17 ta' Gunju 1881 fil-kawza flismijiet "Dr. Francesco Sammut nomine -vs- Dr. Giuseppe Rocco Peralta nomine et", (Vol. IX p 459), illi lil kuratur ma jistax jigi defirit il-gurament anke jekk jeccepixxi l-preskrizzjoni. Dan ghall-motiv*

[7] Fol 113. Dr. Ellis noe. insita lil guriprudenza nostrana kienet tistabilixxi lil gurament decisorio ma setax jigi defferit lil deputat kuratur.
[8] Fol 112 et seq.
[9] I.2017.
[10] 2160(3) tal-Kap 16.
[11] Appell civili numru 2206/2003/1 deciza fl-20 ta' Aptril, 2005.

> *illi "se questo è un curatore d' ufficio è ignaro dei fatti, non puo ne affermare ne negare" ("Fto. Calleja et -vs - Ant. Mangion nomine", Appell Civili, 22 ta' Frar 1892 a Vol. XIII p 112). Kif ulterjorment enuncjat, "il provvedimento voluto dall' attore di deferire il giuramento ai curatori da prestarsi in nome e dietro istruzione del debitore non sarebbe conducente al fine voluto dalla legge che è quello di rimettersi alla coscienza del debitore vincolata dal giuramento; di fatti il debitore non sarebbe in tal caso astratto da alcun vincolo di coscienza e i curatori di un fatto non proprio non potrebbero giurare che sulla fede altrui per cui lo scopo della legge sarebbe frustrato" - " Carlo Farrugia Satariano -vs- Dr. Gius. Frendo Azzopardi et", Qorti Civili, Prim' Awla, 8 ta' Jannar 1920 (Vol. XXIV P II p 97);"*

Jemmergu cari zewg punti saljenti minn dan riprodott;

1. Illi l-kuraturi deputati jistghu jaghtu dawn l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni.

2. Illi ma SETAX pero jigi defirit lilhom il-gurament decisorio li jistrieh unikament fuq il-kuxxjenza u l-konoxxenza ta' l-allegat debitur propju.

Hawn pero jinhtieg isir punt iehor li jemmergi llum mill-emendi[12] lli saru fl-istitut tal-gurament decisorio u cioe dawk kif provduti fis-sub inciz wiehed ta' l-istess artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Llum dan is-sub-inciz gie emendat fis-sens li min qieghed jressaq eccezzjoni ta' preskrizzjoni irid minn jeddu u mhux fuq talba ta' l-attur, kif fil-vera natura tieghu hu saput il-gurament decisorio, jistqarr u jixhed li mhuwiex debitur jew li ma jiftakkarx jekk il-haga gietx mhallsa. Isegwi allura lli lanqas m'ghadu jista jigi sollevat li ma jistax jigi defirit il-gurament decisorio lil deputat kuratur, ghaliex issa dan darba li ghazel il-linja ta' preskrizzjoni bhala difiza, irid tassativament **minn jeddu** jitla u jistqarr dak miltlub minnu *ex lege*. Mela kull kuratur deputat jista jissolva tali eccezzjoni pero jinhtieglu illi jkun ben ighammar bl-informazzjoni li trid minnu l-ligi biex jkun jista jsostni l-eccezzjoni minnu mressqa. Lanqas ghalhekk ma baqa l-kaz llum li wiehed jitkellem fuq gurament defirit lil debitur ghaliex biex id-debitur issostni b'success l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwenali waqa fuqu l-piz li jaghti dan il-gurament, m'ghadux il-kaz fejn l-attur jistrieh fuq il-kuxxjenza tad-debitur, fin-nuqqas l-eccezzjoni mressqa ma ssibx success".

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Dottor Joseph Ellis *et nomine,* li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivil tas-17 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet

[12] Att I tas-sena 2017.

premessi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu tal-preskrizzjoni kwinkwennali mqanqla minnu *nomine.* Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà attriċi.

7. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjetà attriċi Bank of Valletta p.l.c., li permezz tagħha wieġbet li l-appell odjern għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2023, meta l-kawża baqgħet differita għas-sentenza.

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

10. Illi permezz ta' din il-kawża, il-Bank attur jittanta jiġbor is-somma ta' €184,700.82 bilanċ tad-debitu dovut mill-konvenuti, kif ukoll l-imgħax ulterjuri dovut mid-19 ta' Mejju, 2015, sad-data tal-pagament effettiv, wara li permezz ta' numru ta' kuntratti ta' self u *overdraft*, għadda lill-konvenuti diversi faċilitajiet bankarji, kif jirriżulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo` datat 14 ta' Novembru, 2000 (Dok. "A") u tnejn oħra riżultanti mill-atti tan-Nutar Dr. Joseph Vassallo-Agius datati l-24 ta'

Ġunju, 2003 (Dok. “B”) u l-4 ta’ Settembru, 2003 (Dok. “C”), kif ukoll permezz ta’ skrittura privata datata 16 ta’ Lulju, 2003 (Dok. “D”).

11. Illi permezz tar-risposta ta’ Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Jean Pierre Busuttil, fil-kwalità tagħhom ta’ kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Michele Belfiore, ingħad sempliċement li huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk irriservaw risposta ġuramentata ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-każ.

12. Mentri permezz tar-risposta ta’ Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Jolene Pace Ciscaldi fil-kwalità tagħhom ta’ kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Angela Galata, apparti li dawn ukoll irrilevaw li huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk irriservaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun hemm il-ħtieġa, ressqu wkoll l-eċċezzjonijiet li l-ammont allegatament dovut skont id-dokument (D) anness mar-rikors promotur, huwa preskritt skont l-Artikolu 2156 (e) u (f) tal-Kap. 16, filwaqt li l-imgħax li huwa dovut skont id-dokumenti allegati mar-rikors promotur, huwa preskritt skont l-Artikolu 2156(d) tal-Kap. 16.

13. L-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha mressqa, laqgħet fl-intier it-talbiet tal-bank attur u kkundannat lill-kuraturi *nomine* sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €184,700.82, bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta’ Michele

Belfiore u Angela Galata mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-19 ta' Mejju, 2015, sad-data tal-pagament effettiv.

14. Il-kuraturi Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Jolene Pace Ciscaldi fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Angela Galata, ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha. L-appell tagħhom jissejjes fuq erba' aggravji:

(I) Fl-ewwel aggravju tagħhom, il-kuraturi deputati jilmentaw li l-kawża kellha tiġi deċiża skont l-ordinament ġuridiku fis-seħħ meta nfetħet u li ġaladarba l-ammont pretiż kien preskritt, allura l-azzjoni attriċi ma kellhiex tirnexxi minħabba tibdil leġislattiv fil-kors tal-proċeduri. Jisħqu li t-tibdil leġislattiv li twettaq bl-Att I tal-2017, kellu japplika biss fir-rigward tad-debiti li kienu għadhom ma ġewx preskritti.

(II) Il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti effettivament timpedixxi lil kull min hu assenti minn dawn il-gżejjer milli jagħti b'suċċess l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Illi f'ċirkustanzi fejn jinħatar kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-assenti, huwa ferm improbabbli li tali kuratur deputat jirnexxilu jistabilixxi kuntatt mal-assenti u li jingħata l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun f'pożizzjoni li jieħu l-ġurament li l-liġi, kif illum emendata, timponi tassattivament. Dan ifisser li kull min hu assenti ser ikun prekluż milli jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Dan b'leżjoni tad-drittijiet fundamentali ta' min ikun assenti. Hekk kif il-ġurisprudenza stabbilit fil-passat, li kuratur deputat huwa eżentat milli jingħata l-ġurament deċiżorju, hekk ukoll wara l-emendi li seħħew fil-liġi, il-kuratur deputat mhuwiex f'pożizzjoni li jissodisfa l-vot tal-liġi, kif jiddisponi l-Artikolu 2160(1) tal-Kap. 16, peress li ma jistax jafferma bil-ġurament tiegħu li mhuwiex debitur, jew jekk jiftakarx li l-ħaġa ġietx imħallsa.

(III) Illi meta s-soċjetà attriċi ddifferiet il-ġurament deċiżorju lill-kuraturi deputati fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2016 u huma wieġbu li: "*Jien mhux edott mill-fatti, fil-fatt darba kont iltqajt ma' sentenza imma ma nistax insibha illi l-ġurament deċiżorju ma jistax jingħata lill-kuraturi deputati, u ma nafx jekk għandhiex tagħti u ma nafx jekk baqalhiex tagħti, ma naf xejn."* u *"Jien bħala Kuratur minix edotta mill-fatti."* – tali dikjarazzjonijiet ġuramentati għandhom jitqiesu bħallikieku huma ħadu l-ġurament kif illum meħtieġ mill-Artikolu 2160 tal-Kap. 16.

(IV) Anke jekk l-ispejjeż jibqgħu a karigu tal-konvenuti, id-dritt tal-kuraturi deputati għandhom jitħallsu proviżorjament mis-soċjetà attriċi, kif tiddisponi l-liġi.

15. Filwaqt li l-Bank appellat wieġeb li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata, jisħaq li l-appell odjern għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet segwenti:

(i) Ma jaqbilx mal-ewwel aggravju tal-kuraturi deputati appellanti li kellha tapplika l-liġi qabel ma ġiet emendata fl-2017, peress li dan imur kontra n-normi ġuridiċi li jitrattaw ir-regoli tat-transitorjetà leġislattiva. Ġaladarba l-leġislatur ma pprovdiex mod ieħor espressament fil-liġijiet – l-Att I u l-Att VIII tal-2017, isostni li għandu japplika l-prinċipju ġenerali tad-dritt f'materja simili li l-liġi għandha tidħol fis-seħħ u tkun applikabbli hekk kif tiġi promulgata. Huwa ċar li fid-data tas-sentenza appellata fis-17 ta' Jannar, 2017 (*recte* – 2018), l-imsemmija żewġ atti leġislattivi kienu daħlu fis-seħħ u għalhekk itenni li l-Ewwel Qorti korrettement applikat il-liġi, kif kienet fis-seħħ, fid-data li tat id-deċiżjoni tagħha.

(ii) Jingħad mill-Bank appellat, fir-rigward tat-tieni aggravju, li l-argument imressaq mill-appellanti jmur kontra dak li ried il-leġislatur meta daħħal l-emendi fl-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti li l-kunċett tad-deferiment tal-ġurament deċiżorju llum ġie abbolit, jew aħjar sostitwit b'kunċett ġdid ta' preskrizzjoni, fejn min jagħti l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni skont l-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, ma jkunx biżżejjed li tingħata tali eċċezzjoni, jekk ma jkunx lest li jieħu l-ġurament, kif espressament meħtieġ fl-Artikolu

2160(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Issir referenza f'dan is-sens għal numru ta' sentenzi ta' dawn il-Qrati li ttrattaw l-effetti tal-emendi li daħlu fis-seħħ fl-2017.

(iii) Il-Bank appellat isostni li dawn il-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, japplikaw ukoll għat-tielet aggravju, fis-sens li ma jiswa xejn li l-kuraturi deputati jgħidu li mhumiex edotti mill-fatti, din mhix il-formola li trid il-liġi, peress li din tistabilixxi li min irid jipprevalixxi ruħu mill-benefiċċju tal-preskrizzjoni partikolari, għandu jixhed minn jeddu u jagħti l-ġurament waqt il-kawża li mhux debitur. Illi l-argument tal-kuraturi deputati fis-sens li, il-mod kif qiegħed jiġi interpretat l-Artikolu 2160 jilledi d-drittijiet fundamentali ta' persuna li tinsab assenti minn Malta, huwa fil-fehma tal-Bank wieħed azzardat. Dan peress li min huwa assenti minn Malta u ħalla diversi obbligi li huwa kellu jadempixxi u għamel mezz biex ma jkunx traċċjabbli, m'għandux igawdi mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li mhix qiegħda hemm sabiex isservi ta' paraventu għall-evażjoni mill-obbligi li persuna tkun ikkuntrattat. Dawk is-sentenzi ċitati mill-appellanti m'għadhomx japplikaw illum, peress li kienu ngħataw f'xenarju kompletament differenti, fejn l-attur kien jagħti l-ġurament lill-konvenut. Mentri llum, il-leġislatur ried li l-konvenut li jagħti l-eċċezzjoni jkun munit ukoll b'informazzjoni *di scientia propria* u lest li jieħu l-ġurament, kif maħsub fl-Artikolu 2160. L-element ta' passività ġie sostitwit b'obbligu attiv u pożittiv ta' ġurament li l-konvenut

irid jieħu. Ġaladarba l-kuraturi deputati mhumiex f'pożizzjoni li jieħdu l-ġurament u wieħed mill-elementi tal-preskrizzjonijiet qosra llum huwa li mhux biss li tingħata l-eċċezzjoni, iżda li l-konvenut jixhed li huwa mhux debitur, hekk kif it-tieni element jiġi nieqes, peress li l-kuratur deputat ma jkollux kuntatt mal-persuna nieqsa minn dawn il-gżejjer, is-soluzzjoni loġika ġuridika tkun li l-eċċezzjoni mogħtija mill-kuraturi deputati li jibqgħu mingħajr kuntatt mal-persuna assenti, u li ma tqegħdux f'pożizzjoni li jistgħu jieħdu tali ġurament, allura l-eċċezzjoni tagħhom tkun bla effett ġuridiku.

(iv) Inkwantu għar-raba' aggravju, il-Bank appellat isostni li dan ma hu aggravju xejn, peress li l-ispejjeż tal-kuraturi deputati tal-Prim Istanza dejjem jitħallsu proviżorjament da parti tal-atturi, minkejja li l-Qorti tkun iddeċidiet li l-ispejjeż finalment ikunu a karigu tal-konvenuti li jirrappreżentaw. Iżda l-Bank jikkontendi li ma jkunx ġust li s-soċjetà attriċi teħel l-ispejjeż tal-appell tal-kuraturi deputati, jekk din il-Qorti tiċħad l-appell interpost.

16. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ssib li l-kuraturi deputati appellanti, għandhom raġun fl-ewwel aggravju tagħhom. Kif osservat minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Pandolfino v. Automated Revenue Management Services Limited:**

> *"Jibda billi jiġi ppreċiżat illi dwar l-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, l-emendi li l-Ewwel Qorti għamlet referenza għalihom, saru kemm bis-saħħa tal-Att I tal-2017, kif ukoll bl-Att VIII tal-2017. Iżda fil-verita` l-emendi li jolqtu l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, m'għandhomx japplikaw għall-każ in eżami, peress li l-emendi in kwistjoni ma jolqtux eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni ġa validament imressqa qabel ma daħal fis-seħħ l-Artikolu 2160 kif emendat fl-2017. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Sergio Manche v. Carmel Grech deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2018, u Semago Trading Company Limited v. The Stork Enterprises Company Limited deċiża fis-26 ta' Novembru, 2020 u dik aktar reċenti ta' Amanda Briffa proprio et nomine et v. Stephen Fenech fit-12 ta' Mejju, 2022.) L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f'dan il-każ tressqet permezz tar-rikors promotur fit-18 ta' Settembru, 2015 u għalhekk l-emendi msemmija mill-Ewwel Qorti ma kinux għadhom gew fis-seħħ. Fiċ-ċirkustanzi, għalhekk għandu japplika l-Artikolu 2160, kif kien fis-seħħ fiż-żmien meta nfetħet il-kawża in eżami, f'Settembru tal-2015, u mhux l-Artikolu 2160 kif ġie mibdul wara dakinhar. Isegwi li ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ġurament imsemmi mill-Ewwel Qorti u konsegwentement il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward tabilħaqq kienu ta' preġudizzju għar-rikorrent".*

17. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li r-rikors promotur fil-kawża odjerna tressaq fis-7 ta' Settembru, 2015, mentri l-kuraturi deputati appellanti ressqu r-risposta tagħhom fit-3 ta' Diċembru, 2015. Dan ifisser li f'dan il-każ ukoll, meta tressqu l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi deputati, inkluż fost eċċezzjonijiet oħra dawk tal-preskrizzjoni, l-emendi relattivi permezz tal-Atti I u VIII tas-sena 2017, kienu għadhom la tressqu u wisq anqas ġew fis-seħħ. Kwindi, minkejja li l-Ewwel Qorti ġustament għamlet distinzjoni bejn il-liġi kif kienet qabel l-emendi tas-sena 2017, fejn kien jingħata l-ġurament deċiżorju, u wara l-emendi tas-sena 2017, fejn allura skont l-Artikolu 2160, illum huwa meħtieġ li meta tingħata eċċezzjoni skont l-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, li l-partijiet li jeċċepixxu tali preskrizzjoni, li jieħdu ġurament minn jeddhom billi jiddikjaraw li mhumiex debituri jew ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx

imħallsa, l-Ewwel Qorti żbaljat meta rriteniet li, fin-nuqqas ta' dan, l-eċċezzjoni mressqa mill-kuraturi deputati ma ssibx suċċess. Ġaladarba l-provvedimenti tal-liġi dwar il-preskrizzjoni applikabbli fil-każ in eżami huma dawk qabel l-emendi tas-sena 2017, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija tabilħaqq ibbażata fuq konsiderazzjoni żbaljata.

18. Għalkemm il-prinċipju espost mill-Bank appellat huwa minnu li, meta l-leġislatur ma jipprovdix mod ieħor, il-preżunzjoni hija li l-liġi tidħol fis-seħħ minnufih, jibqa' relevanti dak li ngħad minn din il-Qorti fis-sentenza **Manche v. Grech**, imsemmija fis-silta hawn qabel ċitata, fis-sens li :

> "*Huwa minnu li l-kawża għadha ma nqatgħetx, u illi liġijiet proċedurali japplikaw minnufih, ukoll għal kawżi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda għal-liġi proċedurali iżda jkunu għadhom pendenti, iżda dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi ġà miksuba, bħal ma hu l-ħelsien minn dejn li jkun ġà nkiseb meta l-liġi l-ġdida tidħol fis-seħħ. Fil-każ tallum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqgħet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eċċezzjoni relativa, l-eċċezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara*".

Isegwi li l-ewwel aggravju tal-kuraturi deputati appellanti jimmerita li jintlaqa'.

19. Konsidrat li qiegħed jintlaqa' l-ewwel aggravju, mhux meħtieġ li din il-Qorti tinoltra ruħha fit-tieni u t-tielet aggravji tal-kuraturi deputati appellanti, li jattakkaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fil-kuntest tal-interpretazzjoni mogħtija minnha tal-Artikolu 2160, kif emendat bl-emendi

tas-sena 2017, ġaladarba qiegħed jiġi deċiż li dawn l-emendi mhumiex applikabbli għall-każ in eżami. Inoltre, hija relevanti s-sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet **Casapinta Design Group Limited v. Dr. Tonio Azzopardi noe**, u r-rassenja ta' ġurisprudenza hemm magħmula, fis-sens li għalkemm il-kuraturi jistgħu jressqu l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni, mhuwiex possibbli li l-kuratur tal-uffiċċju jiġi prestat lilu l-ġurament deċiżorju, kif kien jipprovdi l-Artikolu 2160 qabel l-emendi, peress li l-kuraturi tal-uffiċċju ma jkunux jafu l-fatti u allura la jkunu f'pożizzjoni li jikkonfermaw jew jiċħdu dak mistoqsi lilhom (kif wara kollox irriżulta mix-xhieda tal-kuraturi deputati fil-kawża in eżami).

20. Isegwi li jeħtieġ li jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-kuraturi deputati appellanti. Wara kollox, il-preskrizzjoni tista' tiġi mwaqqa' mhux biss bil-ġurament deċiżorju, iżda wkoll billi wieħed juri illi għal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eċċepita mhijiex ammissibbli, jew li kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha (ara sentenzi **Kollez. Vol**. XXX. I.998; Vol XXXVII.II.626). Għall-ekonomija tal-ġudizzju, din il-Qorti ser tqis hija stess l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni, kif imressqa mill-kuraturi deputati appellanti li jirrappreżentaw lill-assenti Angela Galata fir-risposta tagħhom. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, jikkontendu li kwalunkwe ammont allegatament dovut skont id-dokument allegat mar-rikors promotur bħala Dok. "D" huwa preskritt skont l-Artikolu 2156(e) u (f) tal-Kap.16, filwaqt li permezz tar-raba' eċċezzjoni

jikkontendu li, kwalunkwe imgħax illi allegatament huwa dovut bis-saħħa tad-dokumenti allegati mar-rikors promotur, huwa preskritt skont l-Artikolu 2156(d) tal-Kap.16. L-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 jirreferi għall-preskrizzjoni bit-trapass ta' ħames snin u s-sub-artikoli mqanqla jaqraw hekk:

> *"(d) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;*
>
> *(e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku".*

21. Kwindi l-kuraturi deputati appellanti li jirrappreżentaw lil Angela Galata, qegħdin permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom jinvokaw il-preskrizzjoni kwinkwennali fir-rigward tal-ammont indikat fis-*sanction letter* datata 16 ta' Lulju, 2003, iffirmata mid-debituri Michele Belfiore u Angela Galata. Issa minn qari tal-imsemmija *sanction letter,* jirriżulta li din kienet qiegħda tawtorizza l-faċilità ta' self ta' Lm50,000, li minnhom Lm31,000 kienu intiżi "*to absorb house loan facilities presently held at Ibrag Branch",* mentri Lm19,000 kienu intiżi sabiex "*to carry out improvements at Ferry Court Flat 2, Triq Salvu Privitera, St. Julian's."* Iżda wieħed ma jistax jara din is-*sanction letter* waħedha, peress li l-pretensjonijiet tal-Bank jissejsu wkoll fuq żewġ kuntratti ta' self u wieħed ta' *overdraft*.

22. Fil-fatt permezz tal-kuntratt ta' self u bejgħ fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo` datat 14 ta' Novembru, 2000, (Dok. "A") il-konjuġi Michele Belfiore u Angela Galata ssellfu s-somma ta' Lm26,000 sabiex akkwistaw il-proprjetà, l-appartament bin-numru tnejn fi blokka ta' appartamenti bl-isem ta' "Ferry Court", fi Triq Salvu Privitera, (qabel magħrufa bħala Gardenia Drive) Paceville, limiti ta' San Ġiljan. Permezz ta' kuntratt ieħor ta' *overdraft* magħmul fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Vassallo-Agius datat 24 ta' Ġunju, 2003 (Dok. "B") Michele Belfiore u Angela Galata ngħataw il-faċilità ta' *overdraft* u dan sas-somma ta' Lm5,000. Filwaqt li permezz tal-kuntratt ta' self magħmul fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Vassallo-Agius tal-4 ta' Settembru, 2003 (Dok. "C"), l-istess konjuġi Michele Belfiore u Angela Galata ngħataw b'self is-somma ta' Lm19,000 sabiex iwettqu xogħlijiet ta' kostruzzjoni u titjib fil-proprjetà tagħhom bin-numru tnejn fi blokka ta' appartamenti bl-isem ta' "Ferry Court", fi Triq Salvu Privitera, (qabel magħrufa bħala Gardenia Drive) Paceville, limiti ta' San Ġiljan. Isegwi li filwaqt li s-*sanction letter* ġiet segwita b'att pubbliku fil-każ tas-somma ta' Lm19,000, effettivament is-*sanction letter* kienet qiegħda tinkorpora jew tikkonsolida d-dejn fuq is-self li kien mogħti preċedentement fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà inkwistjoni u ma kinitx titratta self ġdid. Ġaladarba d-debitu pretiż mill-Bank appellat jirriżulta minn kuntratti pubbliċi, isegwi li l-preskrizzjoni nvokata mill-

kuraturi deputati għal Angela Galata permezz tat-tielet eċċezzjoni skont l-Artikolu 2156(e) u (f), mhix applikabbli fil-każ in eżami.

23. Fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni fejn il-kuraturi deputati jikkontendu li kwalunkwe imgħax illi allegatament huwa dovut bis-saħħa tad-dokumenti allegati mar-rikors promotur huwa preskritt skont l-Artikolu 2156(d) tal-Kap.16, jiġi osservat li x-xhud Johanna Bartolo rappreżentanta tas-soċjetà attriċi, fl-*affidavit* tagħha bażikament tirrepeti l-premessi tar-rikors ġuramentat. Iżda, flimkien mar-rikors ġuramentat, ġew esebiti kopji tal-kuntratti ta' self, kif hawn qabel elenkati. Permezz tal-kuntratt ta' self u bejgħ fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo` datat 14 ta' Novembru, 2000 (Dok. "A") kien fost affarijiet oħra, miftiehem: "*The loan carries interest, the interest shall not exceed the maximum rate allowed by law and shall be reckoned on the amount due for balance of loan by customers from time to time according to recognised banking practice. The said rate of interest to be fixed by the Bank in its sole discretion, from time to time."* Permezz tal-kuntratt ta' *overdraft* magħmul fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Vassallo-Agius datat 24 ta' Ġunju, 2003 (Dok. "B") kien pattwit: *"Interest at the rate stipulated in the sanction letter shall be due by the customer on daily debit balances in accordance with recognised banking practice. The Bank may vary the said rate of interest....(c) if the customers are in breach of the agreement or are otherwise in default."* Hekk ukoll, permezz tal-kuntratt ta' self magħmul fl-atti tan-Nutar Dr.

Joseph Vassallo-Agius tal-4 ta' Settembru, 2003 (Dok. "C") ingħad: "*It is agreed that the loan shall bear interest at the rate stipulated in the sanction letter. The said interest is to be reckoned on the outstanding balance of loan from time to time, in accordance with recognised banking practice. The terms and conditions regulating the loan (including the term, the interest rate, fees and charges) may be laid down or amended by the Bank from time to time....(c) if the customers are in breach of the agreement or are otherwise in default.*"

24. Flimkien mar-rikors promotur hemm annessi wkoll l-*istatements of account* fuq tliet kontijiet (ara Dok "E1 sa E6", Dok. "F1 sa F5" u Dok "G1 sa G6") li f'kull każ jindikaw il-bilanċ dovut flimkien mal-imgħax sat-18 ta' Mejju, 2015, li meta jingħaddu flimkien iwasslu għat-total ta' €184,700.82 hekk kif mitlub fir-rikors promotur. Ladarba l-imgħax formanti parti mill-ammont totali pretiż mill-Bank appellat jirriżulta wkoll minn kuntratti pubbliċi, billi l-imgħax huwa aċċessorju tal-obbligazzjoni ewlenija, isegwi li f'dan il-każ ukoll, il-preskrizzjoni nvokata mill-kuraturi deputati għal Angela Galata permezz tar-raba' eċċezzjoni, mhix dik applikabbli għall-każ in eżami. Isegwi li l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni nvokati mill-kuraturi deputati appellanti, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk konsidrati mill-Ewwel Qorti, xorta ma jimmeritawx li jintlaqgħu.

25. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-kuraturi deputati appellanti, dak fejn isostnu li minkejja li l-ispejjeż jibqgħu a karigu tal-konvenuti, id-

dritt tal-kuraturi deputati għandhom jitħallsu proviżorjament mis-soċjetà attriċi, kif tiddisponi l-liġi. Fil-verità dan l-aggravju fih innifsu ma jirriżultax ikkontestat mill-Bank appellat, peress li jikkonċedi li l-ispejjeż tal-kuraturi deputati tal-Prim Istanza dejjem jitħallsu proviżorjament da parti tal-atturi, minkejja li l-Qorti tkun iddeċidiet li l-ispejjeż finalment ikunu a karigu tal-konvenuti li jirrappreżentaw. L-unika kontestazzjoni tal-Bank hija dik li ma jkunx ġust li s-soċjetà attriċi teħel l-ispejjeż tal-appell tal-kuraturi deputati, jekk din il-Qorti tiċħad l-appell interpost. Dwar l-ispejjeż tal-kuraturi deputati, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Anastasija Afanasjeva v. Dr. Benjamin Valenzia *et nomine*** deċiża fil-21 ta' Ottubru, 2021, u għalhekk ser tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu provviżorjament mill-Bank appellat, ġaladarba t-talba għall-ħatra tal-kuraturi saret minnu, b'dan illi l-Bank appellat għandu l-jedd li jiġbor dawn l-ispejjeż li jkun ħallas lill-kuraturi

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, tiddisponi mill-appell tal-avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi in rappreżentanza tal-assenti Angela Galata, billi:

(i) tilqa' l-istess limitatament sa fejn intalbet ir-revoka tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivil tas-17 ta' Jannar, 2018, u tħassar u tirrevoka

s-sentenza appellata fil-kawża fl-ismijiet premessi sa fejn din hija msejsa fuq l-emendi għall-Artikolu 2160 tal-Kap 16, permezz tal-Att I tal-2017;

(ii) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni imqanqla mill-istess kuraturi deputati għall-finijiet tal-Artikolu 2156(d), (e) u (f), inkwantu mhumiex applikabbli għall-każ in eżami;

(iii) tilqa' t-talbiet tal-Bank attur fl-intier tagħhom kif mitluba fir-rikors promotur; u

(iv) dwar l-ispejjeż taż-żewġ istanzi, inkluż dawk tal-kuraturi deputati, il-Qorti tordna li dawn għandhom provviżorjament jitħallsu mill-Bank attur appellat, ladarba l-ħatra tal-kuraturi deputati saret fuq talba tiegħu, b'dan illi l-Bank attur għandu l-jedd li jiġbor dawn l-ispejjeż li jkun ħallas lill-kuraturi deputati mingħand il-konvenuti Michele Belfiore u Angela Galata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm